MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2014

Numru. 396/2003

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**Mark Scerri**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Mark Scerri**, ta' 26 sena bin Joseph u Maria Rosaria xebba Thomas, imwieled Pieta`, data tat-twelid l-1 ta' April 1977, u li joqghod 'Redentur' First Dawn Court, Triq il-Qalliet, Marsaskala, numru tal-karta tal-identita` **178977M**, gie akkuzat talli :

F'St. Venera, nhar it-28 t'April 2003 ghall-habta ta' 12:30 p.m. ikkomettejt serq ta' flus kontanti kif ukoll ghodda li l-valur taghhom jeccedu l-valur ta' Lm100 izda anqas minn Lm1000 ghad-dannu ta' Christoper Sammut liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u valur.

Akkuzat ukoll talli inti tinsab ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definitivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens ta` l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja (li jinsab *a folio* 21);

Tippuntwalizza illi dawn l-atti kellhom jigu rikostruwiti wara li kienu gew, flimkien ma processi ohra, severament danneggjati in segwitu ghal hruq li kien hakem l-Awla fejn kienu qed jinzammu;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess 29 ta` Lulju 2014 fejn, *inter alia*, hemm verbalizzat li l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti tatu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Rat illi l-partijiet irrimettew ruhhom ghal dak li irrizulta mill-atti;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija ta` l-imputat (ara *a folio* 22 *et seq*), il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Mhux biss id-destin li kellu jghaddi minnu dan il-process – li nharaq u kellu jigi rikostruwit – izda wkoll it-trapass taz-zmien li ha dan il-procediment, u l-fatt l-aktar importanti ghal din il-Qorti, li effettivament Christopher Sammut gie ikkompensat bhala vittma. Mill-informazzjoni li inghatat fl-udjenza ta` llum stess, hareg car li l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna li l-awtoritajiet jistghu jipprovdulu. Dan bhala fatt ser jittiehed in konsiderazzjoni wkoll ghall-finijiet ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi mposta f'dan il-kaz.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema u li hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li s-sorveljanza tal-hatja kollha minn ufficjal tal-probation u skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi huwa mixtieq u adatt.

**Ghall-dawn il-motivi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 261(b)(c), 263, 267, 278, 279, 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lil Mark Scerri hati ta' l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u **tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Il-Qorti tat lil Mark Scerri l-ispjegazzjonijiet skond l-Artikolu 7(7) tal-Kap 446.

Il-Qorti tordna li komunika ta` din is-sentenza ghandha ssir lid-Direttur, *Probation and Parole*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------